



# Aħbar Tajba

Għerf 12, 13.16-19
S 85 (86), 5-6.9-10.15-16a
Rum 8, 26-27
Mt 13, 24-43

"Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil ftit ħmira li waħda mara tkun qabdet
**u ħalltet ma' tliet sigħan dqiq sa ma tkun għoliet l-għaġna kollha."**

Ma nafx qattx iltqajtu ma' xi karozza li mal-*bumper* tagħha kienu jwaħħlu *sticker* daqsxejn imdaqqsa. Kienet saret moda imma fil-verità kellha skop importanti ħafna. Kien mod kreattiv kif taħbi xi barxa, daqqa jew tagħtina mall-karozza! Imma darba niftakar rajt *sticker* partikulari. Kienet tgħid "*Stop the World; I want to Get off!*" Kienet *sticker* b'messaġ ta' protesta għall-ħsara u t-taħwid li d-dinja kienet għaddejja minnu. Kien żmien meta bdejna nagħtu kas l-effett li qed inħallu fuq l-ambjent ta' madwarna, il-ġirja għall-armamenti li pajjiżi kbar bħall-Amerka u r-Russja kienu qegħdin fiha, biex ma nsemmux l-għadd kbir ta' gwerer li kienu donnhom qed ifaqqsu madwar id-dinja. Ma naħsibx li nistgħu ngħidu li llum qed ngħixu f'dinja wisq differenti minn din, imma sfortunatament "*we cannot get off!*" Kultant l-inġustizzji u d-dnub jispikkaw wisq madwarna u donnhom jibdew jaqtgħulna qalbna. Għalkemm fl-Evanġelju naqraw li s-Saltna ta' Alla waslet, l-aħbarijiet juruna saltna għal kollox differenti. Fejn hi s-Saltna t'Alla?

L-Evanġelju tal-lum jgħidilna propju dan. Ġesù waqqaf is-Saltna t'Alla imma fl-għerf tiegħu Alla ried li aħna wkoll nibnu din is-Saltna miegħu. Għalhekk din is-Saltna għadha ma kibritx fil-milja kollha tagħha. Qisha nibtet u qed tikber bil-mod madwarna, imma għadha mhux lesta. Allura, sadattant, jeżistu flimkien kemm it-tajjeb kif ukoll il-ħażin, bħalma fil-parabbola qrajna li fl-istess għalqa kiber il-ħaxix ħażin flimkien mal-qamħ. Għalhekk kull wieħed u waħda minna għandu għażla kbira quddiemu. X'se nagħmlu? Nistgħu nagħmlu bħal tal-*isticker*, naqtgħu qalbna u ma nagħtux kas. Nistgħu niddeċiedu li nagħmlu bħal ħafna oħrajn u nagħmlu biss dak li jaqblilna, anke jekk inkunu qed intellfu lill-oħrajn, bħas-sikrana tal-parabbola. Imma hemm għażla oħra. Nistgħu flok nisħtu d-dlam u noqogħdu ngergru, naċċettaw id-diffikultajiet li jkollna u nippruvaw nixegħlu fjamma żgħira. Għalhekk Ġesù jgħidilna li rridu nkunu dawl għad-dinja. Id-dawl ma naħbuhx imma npoġġuh x'imkien fil-għoli biex id-dawl jinfirex kemm jista' jkun. "Hekk għandu jiddi d-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin biex jaraw l-għemejjel tajba tagħkom u jfaħħru lil Missierkom li hu fis-smewwiet". Dan hu li għamlu tant qaddisin li f'ħajjithom kienu dawl għall-oħrajn u din ukoll hija l-biċċa xogħol tagħna biex tassew ngħinu fil-bini tas-Saltna ta' Alla.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

ŻERRIEGĦA, TAJBA, GĦALQA, REQDIN, GĦADU, SIKRANA, SBUL, QAMĦ, JIKBRU, FLIMKIEN, ĦSAD, MUSTARDA, FRIEGĦI, ĦMIRA, GĦAĠNA

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| K | O | L | L | O | X | N | A | Z | A |
| Ħ | X | E | N | A | E | R | E | T | GĦ |
| M | U | N | T | A | J | B | A | W | A |
| I | F | L | I | M | K | IE | N | IE | Ġ |
| R | U | L | Ż | A | J | Ħ | I | T | N |
| A | J | A | E | N | A | S | N | E | A |
| S | I | K | R | A | N | A | L | A | N |
| B | K | B | R | E | Q | D | I | N | L |
| U | B | E | IE | T | R | I | G | O | N |
| L | R | T | GĦ | A | F | R | IE | GĦ | I |
| GĦ | U | GĦ | A | L | Q | A | M | Ħ | Ġ |
| S | I | K | D | Ġ | E | S | Ù | F | E |
| S | U | M | U | S | T | A | R | D | A |



“Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah
lil ftit ħmira li waħda mara tkun qabdet
**u ħalltet ma’ tliet sigħan dqiq**
**sa ma tkun għoliet l-għaġna kollha.”**

## San Ġakbu l-Kbir

Ġakbu niltaqgħu miegħu bħala sajjied minn Kafarnahum u flimkien ma' ħuh Ġwanni, kien wieħed mill-ewwel dixxipli ta' Ġesù. Tista' tgħid kien preżenti għall-ġrajjiet il-kbar kollha li naqraw fl-Evanġelju, bħall-miraklu tal-ħobż u l-ħut, il-qawmien mill-mewt ta' bint Ġajru u tal-ħabib ta' Ġesù, Lazzru, kif ukoll t-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù.

Min jaf kemm sema' tagħlim sabiħ, kemm mexa' miegħu minn belt għall-oħra u kemm ddiskutew affarijiet differenti tul dawk it-tliet snin li qattgħu flimkien. Wara l-qawmien u t-tlugħ fis-sema ta' Ġesù, Ġakbu kien wieħed mill-mexxejja tal-Insara sakemm sar l-ewwel mill-Appostli li miet martri taħt l-ordni ta' Erodi Agrippa f'Ġerusalemm.




Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq




**info@sayitmalta.com**

Grazzi.

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web




**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION